MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 299/2014

**J.B. Stores Ltd**

**Vs**

**Leisure and Theme Park Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tlett elef disgha mija sebgha u hamsin Euro u hamsin centezmu (€3,957.50) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ prodotti mibjugha u kkonsenjati lilha fuq ordnijiet taghha stess u li baqa’ ma thallasx;

Minkejja li ga giet interpellata sabiex thallas il-pendenzi taghha, inkluz bl-ittra bonarja datata 9 ta’ April, 2014 (Dok A) hija baqghet inadempjenti;

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet relattivi fuq is-somma kapitali mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness u mmarkat bhala Dok B sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena;

Bl-ispejjez kollha kontriha. Qieghda tigi ukoll minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2015, is-socjeta’ konvenuta, ghalkemm debitament notifikata, naqset li tidher u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta tat-2 ta’ Frar, 2015 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat li fis-seduta tas-16 ta’ Frar, 2015, is-socjeta’ konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandhu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tlett elef disgha mija sebgha u hamsin Euro u hamsin centezmu (€3,957.50) flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi fuq is-somma kapitali mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala “Dok B”, sad-data tal-hlas effettiv,

L-ispejjez kollha ghandhom jigu subiti mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------